E. billi, skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew ma għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom,

F. billi, skont il-prattika stabbilita tal-Parlament, il-fatt li l-proċedimenti legali tressqu taħt id-dritt ċivili jew amministrattiv, jew fihom ċerti aspetti li jaqgħu taħt id-dritt ċivili jew amministrattiv, ma jipprekludix *per se* l-applikazzjoni tal-immunità rrikonoxxuta mill-imsemmi artikolu,

G. billi, meta ta l-invervista kkonċernata, Luigi de Magistris kien qed jagixxi fil-kuntest tal-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew u kien qed iwettaq attivitajiet politiċi billi jesprimi l-opinjoni tiegħu fuq kwistjoni ta' interess pubbliku lill-kostitwenti tiegħu,

H. billi tentattivi li jimpedixxu Membri tal-Parlament milli jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku u tħassib leġittimu, u milli jikkritikaw l-avversarji politiċi tagħhom, billi jitressqu proċedimenti legali kontrihom huwa inaċċettabbli f'soċjetà demokratika u jikser l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, li huwa intiż sabiex jipproteġi l-libertà ta' espressjoni tal-Membri fil-qadi ta' dmirijiethom fl-interess tal-Parlament bħala istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea,

1. Jiddeċiedi li jħares l-immunità u l-privileġġi ta' Luigi de Magistris;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Taljana u lil Luigi de Magistris.

Talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari tas-Sur Bruno Gollnisch

P7_TA(2011)0189

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Bruno Gollnisch (2010/2097(IMM))

(2012/C 377 E/26)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba ta' Bruno Gollnisch għall-ħarsien tal-immunità tiegħu bi rbit ma' proċedimenti legali pendenti quddiem qorti Franċiża, kif imressqa fl-10 ta' Ġunju 2010 u mħabbra waqt is-seduta plenarja fl-14 ta' Ġunju 2010,

— wara li sema' lil Bruno Gollnisch fis-26 ta' Jannar 2011, bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, tat-8 ta' April 1965, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008 u tad-19 ta' Marzu 2010 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0154/2011),

[1] Kawża 101/63 *Wagner vs Fohrmann u Krier* [1964] Ġabra 195, Kawża 149/85 *Wybot vs Faure et* [1986] Ġabra 2391, Kawża T-345/05 *Mote vs Il-Parlament* [2008] Ġabra II-2849, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 *Marra vs De Gregorio u Clemente* [2008] Ġabra I-7929, u Kawża T-42/06 *Gollnisch vs Il-Parlament*.

It-Tlieta 10 ta' Mejju 2011

A. billi Bruno Gollnisch, Membru tal-Parlament Ewropew, talab li titħares l-immunità parlamentari tiegħu b'rabta mal-miżuri li skontu jirrestrinġu il-libertà tiegħu applikati mill-awtoritajiet Franċiżi bħala parti mill-investigazzjoni ġudizzjarja ta' azzjoni u talba għall-kumpens (*plainte avec constitution de partie civile*) imressqa mil-Lega Internazzjonali Kontra r-Razziżmu u l-Antisemitiżmu fis-26 ta' Jannar 2009 kontra persuna mhux imsemmija b'isimha għal inċitament għall-mibegħda razzjali,

B. billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea ma ġiex invokat fit-talba għall-ħarsien tal-immunità u għalhekk ma japplikax,

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, li ġie invokat espliċitament minn Bruno Gollnisch fl-ittra tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2010 lill-President u li japplika fil-każ preżenti, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom; u billi dan ma jwaqqafx lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu,

D. billi, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, "l-ebda Membru tal-Parlament ma jista' jiġi arrestat jew soġġett għal kwalunkwe miżura oħra li ċċaħħdu mil-libertà tiegħu jew li tirrestrinġilu dik il-libertà bħala riżultat ta' reati kriminali jew minuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Assemblea li jagħmel parti minnha, għajr jekk ikun sar reat gravi, fil-każ ta' *flagrante delicto* jew jekk tkun ingħatat kundanna definittiva", u billi, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 26, "id-detenzjoni, il-miżuri li jċaħħdu lill-Membru mil-libertà tiegħu jew li jirrestrinġulu dik il-libertà, jew il-proċeduri kriminali kontra Membru tal-Parlament għandhom jiġi sospiżi matul is-sessjoni jekk l-Assemblea li tagħha jkun membru titlob hekk",

E. billi l-Parlament għandu diskrezzjoni wiesgħa biex jiddetermina l-orjentazzjoni li jixtieq jagħti lil deċiżjoni wara talba għall-ħarsien tal-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu ([1]),

F. billi, fil-każ preżenti, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri suspett serju u preċiż biżżejjed li l-każ tressaq bl-intenzjoni li ssir ħsara politika lill-Membru,

G. billi l-każ ma jaqax fl-ambitu tal-attivitajiet politiċi ta' Bruno Gollnisch bħala Membru tal-Parlament Ewropew; billi fil-fatt jikkonċerna minflok attivitajiet ta' natura purament reġjonali u lokali ta' Bruno Gollnisch bħala kunsillier reġjonali għar-Rhône-Alpes, mandat li Bruno Gollnisch ġie elett għalih b'suffraġju universali dirett u distint minn dak ta' Membru tal-Parlament Ewropew,

H. billi Bruno Gollnisch ta spjegazzjoni għala l-istqarrija għall-istampa li tat lok għat-talba għall-ħarsien tal-immunità inħarġet mill-grupp politiku tiegħu fil-Kunsill Reġjonali tar-Rhône-Alpes, fejn iddikjara li nkitbet mill-grupp tal-Front National f'dak ir-reġjun, inkluż il-kap tal-komunikazzjonijiet tiegħu, li "ngħata s-setgħa li jitkellem f'isem l-uffiċjali eletti tal-Front National"; billi l-applikazzjoni tal-immunità parlamentari għal tali sitwazzjoni tikkostitwixxi estensjoni barra minn lokha ta' dawk ir-regoli, li l-għan tagħhom huwa li jiġi evitat kwalunkwe ndħil fil-funzjonament u l-indipendenza tal-Parlament,

I. billi l-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi adottaw ċerti miżuri li jidhru li jirrestrinġu l-libertà ta' Bruno Gollnisch qabel ma talbu t-tneħħija tal-immunità tiegħu huwa ksur deplorevoli tal-prerogattivi tal-Parlament; billi, madankollu, ladarba l-awtoritajiet Franċiżi issa formalment talbu t-tneħħija tal-immunità tiegħu sabiex jadottaw tali miżuri fil-futur, ma jeħtieġx aktar li l-immunità ta' Bruno Gollnisch titħares aktar f'dak irrigward,

J. billi mhuwiex il-kompitu tal-Parlament iżda tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jiddeċiedu, filwaqt li jirrispettaw il-garanziji demokratiċi kollha, sa liema punt inkisret il-liġi Franċiża dwar l-inċitament għall-mibegħda razzjali u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi ġudizzjarji,

K. billi għalhekk l-immunità parlamentari ta' Bruno Gollnisch m'għandhiex titħares,

([1]) Kawża T-42/06 *Gollnisch vs Il-Parlament* fil-paragrafu 101.

It-Tlieta 10 ta' Mejju 2011

1. Jiddeċiedi li ma jħarisx l-immunità u l-privileġġi ta' Bruno Gollnisch;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Franċiża u lil Bruno Gollnisch.

Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari tas-Sur Bruno Gollnisch

P7_TA(2011)0190

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Bruno Gollnisch (2010/2284(IMM))

(2012/C 377 E/27)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Bruno Gollnisch, imressqa mill-awtoritajiet Franċiżi fit-3 ta' Novembru 2010 u mħabbra fis-seduta plenarja tal-24 ta' Novembru 2010,

— wara li sema' lil Bruno Gollnisch fis-26 ta' Jannar 2011 bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, tat-8 ta' April 1965, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008 u tad-19 ta' Marzu 2010 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0155/2011),

A. billi prosekutur pubbliku Franċiż talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Bruno Gollnisch, Membru tal-Parlament Ewropew, sabiex ikun jista' jiġi investigat ilment li jallega inċitament għall-mibegħda razzjali u, jekk ikun xieraq, sabiex Bruno Gollnisch ikun jista' jitressaq quddiem Qorti Franċiża tal-Prim Istanza, il-Qorti tal-Appell u l-Cour de Cassation,

B. billi t-tneħħija tal-immunità ta' Bruno Gollnisch hija relatata ma' offiża allegata ta' inċitament għall-mibegħda razzjali bħala riżultat ta' stqarrija għall-istampa li saret fit-3 ta' Ottubru 2008 mill-Grupp Front National tar-Reġjun Rhône-Alpes, li tiegħu Bruno Gollnisch kien President,

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew il-Membri tiegħu għandhom igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom; u billi dan ma jwaqqafx lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu,

---

[1] Kawża 101/63 *Wagner* v *Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195, Kawża 149/85 *Wybot* v *Faure u Oħrajn* [1986] ECR 2391, Kawża T-345/05 *Mote* v *Il-Parlament* [2008] ECR II-2849, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 *Marra* v *De Gregorio u Clemente* [2008] ECR I-7929, u Kawża T-42/06 *Gollnisch v Il-Parlament*.